

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark figurattiva "Pelikan" għas-servizzi fil-klassijiet 35 u 39 (Trade mark Komunitarja Nru 3 325 941).

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: Pelikan Vertriebsgesellschaft mbH & Co. KG

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità: meta ppreżenta l-applikazzjoni għal trade mark l-applikant aġixxa *in mala fede* [Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 ⁽¹⁾].

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità rrifjutata

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: rikors miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li, skont ir-rikorrenti, l-UASI ma evalwax korrettament iċ-ċirkustanzi fattwali tal-kwistjoni kif ukoll il-provi ppreżentati u wettaq żball ta' liġi, sabiex b'hekk wasal għall-konklużjoni li l-applikazzjoni għal trade mark inkwistjoni ma ġietx ippreżentata *in mala fede*.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE), Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1)

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2011 — TMS Trademark-Schutzrechtsverwertungsgesellschaft vs UASI — Comercial Jacinto Parera (MAD)

(Kawża T-152/11)

(2011/C 139/45)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: TMS Trademark-Schutzrechtsverwertungsgesellschaft mbH (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: B. Hein u M.-H. Hoffmann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Comercial Jacinto Parera, SA (Barcelona, Spanja)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-16 ta' Diċembru 2010, fil-Każ R 449/2009-2;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade Mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal revoka: it-trade mark figurattiva "MAD" għal prodotti fil-klassi 25

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: Comercial Jacinto Parera, SA

Parti li qed titlob ir-revoka tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba parzjalment miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 15 u tal-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 ⁽¹⁾ u tar-Regola 22 tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 ⁽²⁾, peress li l-Bord tal-Appell, abbażi ta' dokumenti prodotti bħala prova tal-użu, ma kellux jikkonkludi li t-trade mark figurattiva "MAD" kienet is-suġġett ta' użu ġenwin għal "oġġetti ta' ħwejjeġ".

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1)

⁽²⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p.l 220)

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2011 — Zenato Azienda Vitivinicola v UASI — Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura di Verona (ZENATO RIPASSA)

(Kawża T-153/11)

(2011/C 139/46)

Lingwa tar-rikors: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Zenato Azienda Vitivinicola Srl (Peschiera del Garda, l-Italja) (rappreżentant: A. Rizzoli, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura di Verona (Verona, l-Italja)

Talbiet tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara ammissibbli r-rikors preżenti flimkien mal-annessi relattivi
- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell (punti 1, 2 u 3 tad-dispożittiv) fil-parti fejn din tilqa' r-rikors, tilqa' l-oppożizzjoni u tiċħad b'mod sħiħ l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, tikkundanna lill-applikant għall-ispejjeż sostnuti mill-opponent fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni u fir-rikors
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant *għat-trade mark Komunitarja*: Ir-rikorrenti.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: Trade mark verbali "ZENATO RIPASSA" (applikazzjoni għall-reġistrazzjoni Nru 5 848 015), għal prodotti fil-klassi 33 (xorb alkoħoliku)

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura di Verona

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Trade mark verbali Taljan "RIPASSO" (Nru 682 213), għal prodotti fil-klassi 33 ("inbid, spirti u likuri")

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Oppożizzjoni milqugħa u applikazzjoni għar-reġistrazzjoni rifjutata b'mod sħiħ

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/09.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2011 — Zenato Azienda Vitivinicola vs UASI — Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura di Verona (Ripassa Zenato)

(Kawża T-154/11)

(2011/C 139/47)

Lingwa tar-rikors: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Zenato Azienda Vitivinicola Srl (Peschiera del Garda, l-Italja) (rappreżentant: A. Rizzoli, avukat)

Konvenut: Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Camera di Commercio Industria, Artigianato e Agricoltura di Verona (Verona, l-Italja)

Talbiet tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara bħala ammissibbli dan ir-rikors flimkien mal-annessi relattivi
- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell (punti 1, 2 u 3 tad-dispożittiv) fil-parti fejn din tilqa' r-rikors, tilqa' l-oppożizzjoni u tiċħad b'mod sħiħ l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, tikkundanna lill-applikant għall-ispejjeż sostnuti mill-opponent fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni u fir-rikors
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant *għat-trade mark Komunitarja*: Ir-rikorrenti

Trade Mark Komunitarja kkonċernata: Trade mark figurattiva li fiha l-element verbali "RIPASSA ZENATO" (applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 5 877 865), għal prodotti fil-klassi 33

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Camera di Commercio Industria, Artigianato e Agricoltura di Verona

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Trade mark verbali Taljan "RIPASSO" (Nru 682 213) għall-prodotti fil-klassi 33

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Rifjut tal-oppożizzjoni

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Oppożizzjoni milqugħa u applikazzjoni għar-reġistrazzjoni miċħuda b'mod sħiħ

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/09.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2011 — Magnesitas de Rubián et vs Il-Parlament u l-Kunsill

(Kawża T-158/11)

(2011/C 139/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Magnesitas de Rubián, SA (Incio, Spanja), Magnesitas Navarras, SA (Zubiri, Spanja), Ellinikoi Lefkolithoi Anonimos Metalleftiki Viomichaniki Naftiliaki kai Emporiki Etaireia (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: H. Brokelmann, P. Martínez-Lage Sobredo, avukati)

Konvenuti: Il-Parlament u Il-Kunsill